ITTRI LILL-EDITUR

# IL-BIZZILLA TAL-BALLA

Sur Editur:

Qrajt u erġajt qrajt fl-Imnara Nru. 34 tas-sena 2010 l-kitba interessanti bit-titlu "Il-Bizzilla tal-Balla" ta' Anna Maria Gatt, għax barra milli hu studju fuq dan is-suġġett partikolari, jien ftakart meta fi tfuliti, fid-dar tagħna tal-Birgu ta' qabel il-Gwerra 1940/1943, ommi kellha iċ-ċombini tal-bizzilla. Id-dar intlaqtet bil-bombi tal-għadu; kollox intilef fiha; ma baqa' xejn rikordju ta' dak li konna nippossjedu f'darna - ħlief għall-infietaħ tal-bieb ta' barra, miżmuma f'inkwatru fl-istudju tiegħi. Kemm-il darba jien kont nieħu pjaċir nilgħab b'dawn iċ-ċombini tal-bizzilla bla ma naf x'inhu l-użu tagħhom. Qatt ma rajt lil ommi taħdem il-bizzilla. Probabbilment kienet taħdem qabel ma żżewġet u kellha lili.

Imma ommi spiss kienet titkellem miegħi fuq il-bizzilla ekkleżjastika, kif spjegat wisq tajjeb fil-kitba Anna Maria Gatt. Bi pjaċir ferrieħi, ommi kienet tirrakkontali kif anke l-alba li ġġibu fuqha l-istatwa ta' San Lawrenz, meqjuma fil-parroċċa Lawrenzjana tal-Birgu kienet bizzilla l-aktar prezzjuża, xogħol maħdum bl-idejn f'Għawdex. Din il-libsa tintlibes fuq l-istatwa fil-ġranet tal-festa tal-qaddis nhar l-10 t'Awwissu. Ir-rigal tal-alba tħallas mill-aħħar Inkwiżitur Mgr. Giulio Carpegna (1795/98) b'devozzjoni kbira li l-Inkwiżitur kellu lejn dan il-Levita u Martri tal-Knisja Kattolika.

Hawn ma nistax ma nsemmix meta fl-1897 ġew organizzati fl-okkażżjoni tal-Ġublew tad-Djamanti tar-Reġina Vittoria, li allura kienet taħkem fuq it-tron Brittaniku u dak ta' Malta, ġie deċiż li jitwaqqaf monument fil-Belt Valletta lir-Reġina: Statwa tal-irħam li tirrappreżenta lilha bilqiegħda fuq pultruna b'libsa maħduma b'disinn ta' bizzilla Maltija/Għawdxija. L-istatwa nħadmet b'ferfezzjoni l-aktar delikata mill-iskultur Taljan Filippo Fortunato Venuti. Dan l-aħħar l-istatwa f'nofs il-pjazza ewlenija tal-Belt ħadet dehra wisq isbaħ milli qatt kienet qabel, issa li ġiet irrestawrata, u tista' titgawda fix-xogħol artistiku fin fis-sbuħija kollha tiegħu. Il-ħaddiema tal-bizzilla għandhom jitgħaxxqu jekk imorru jagħtu ħarsa profonda lejn dan ix-xogħol perfettament intrikat fl-irħam tal-monument.

Il-bizzilla ta' pajjiżna reġgħet issemmiet b'ħafna tifħir meta r-Reġina Elizabetta II iżżewġet lid-Duka ta' Edinburgh Philip Mountbatten f'Novembru 1947. Il-Prim Ministru Malti Pawlu Boffa ġie mistieden ma' mexxejja oħra għat-tieġ irjali. Il-Prim Ministru ma setax jagħżel u offra bħala rigal f'isem il-poplu Malti, libsa tal-bizzilla maħduma lokalment. Qrajna fil-gazzetti ta' dak iż-żmien fl-Imperu Ingliż kemm intgħoġob dan ir-rigal prezzjuż fost il-ħafna rigali oħra ta' pajjiżi mistiedna. Tassew li din is-sengħa tal-bizzilla għamlet unur lil pajjiżna.

**George Cilia**

**04/02/2011**

---

# IL-LEĠĠENDA TA' SAN ĠUŻEPP

## (jew aħjar – waħda minnhom)

Sur Editur:

Din il-leġġenda ta' San Ġużepp, waħda mill-ħafna li hemm fuqu, kien qalhieli ħija Ġorġ Dougall fil-bidu tas-snin ħamsin. Ħija miet f'Ottubru tal-2008, imma fis-snin ħamsin kien qiegħed jistudja l-arti tal-palk f'Londra, fil-*Guildhall School of Music and Drama*, u kien ma' grupp ta' artisti tal-palk li kienu jduru bliet madwar ir-Renju Unit għal rappreżentazzjonijiet ta' drama.

Din il-leġġenda kien semagħha fil-belt ta' Kardiff (*Cardif*) fil-Gallja (*Wales*) minn mara xiħa minn Ħal Qormi, imma ma żammx amment ta' isimha jew kemm kellha żmien. Ħija qalli li dil-mara kienet ilha tgħix f'dil-belt, u li ħafna Maltin kienu emigraw f'dawk in-naħiet ifittxu x-xogħol, u kienu joqogħdu l-aktar ġo Bute Street. Bħalma ġara f'Cable Street ta' Londra, xi Maltin kienu tawna isem ħażin fil-bidu tas-seklu għoxrin, u sa sar xi qtil fiha wkoll! Imma ta' min isemmi li kien hemm ħafna Maltin bil-għaqal u li taw isem ta' ġieħ lil Malta.

Din il-mara xiħa li kellmet lil ħija kienet qalet li semgħet il-leġġenda minn għand ommha fi tfulita. Fiż-żmien, fl-ibliet u l-irħula tagħna kien hemm "rakkuntier" (story teller) u forsi hu minn dawn ir-rakkuntiera li ħafna leġġendi twieldu. Dan sirt nafu meta jien kont f'Detroit, Michigan, fl-Istati Uniti, fejn kien hemm mad-dsatax-il elf emigrant Malti fil-bidu tas-snin għoxrin. Imma din il-leġġenda ġiet minn Cardiff, minn mara xiħa Qormija. Jiġri li matul iż-żminijiet, ħafna stejjer bla miktuba jintnesew u jintilfu, jew isiru leġġendi fil-folklor tal-pajjiż fejn intqalu.

**IL-LEĠĠENDA**

Mela San Ġużepp bħal donnu ried jaqta' ftit mir-rutina tax-xogħol u tal-ħajja tal-familja, u darba meta wasal il-bidu tar-Rebbiegħa twebbel sabiex imur idur u jara d-dinja. San Ġużepp kien fil-ħanut li kellu ta' mastrudaxxa, jaħdem, meta ħin minnhom waqaf u qal lil Ġesu': "Ibni, issa jien dieħel fiż-żmien u nixtieq li mmur nara xi ftit id-dinja u ndur xi ftit pajjiżi. Issa inti għaqli biżżejjed biex tieħu ħsieb ommok, u tmexxi dan il-ħanut li għandna, sakemm indum imsiefer jien."

M'għandniex xi ngħidu; għall-ewwel il-Madonna bdiet tgerger għal dan il-pjan, imma lanqas ħassritlu lil San Ġużepp li beda jħejji għal dik is-safra. Ħejja kaxxa bil-għodda meħtieġa ġo fiha u lesta kollox għas-safar.

Il-Familja Mqaddsa lestiet kollox ħalli jitilqu lejn l-eqreb port. Għabbew il-kaxxa tal-għodda fuq ħmara, u ħmara oħra rikbet fuqha il-Madonna; waqt li l-irġiel erħewlha bil-mixi. Ilkoll flimkien, ma' xi ħbieb u ġirien, imxewha lejn l-eqreb port; li kien dak ta' Tiru tal-Kangħan, sabiex iwasslu lil San Ġużepp mal-moll tal-menqa fejn kien hemm

ġifen li kien qed ilesti sabiex isalpa. Il-Mastrudaxxi kienu wisq imfittxija għas-sengħa tagħhom għal fuq l-iġfien u l-imriekeb tal-baħar, u għalhekk San Ġużepp ma sabx diffikulta' biex jingaġġa u jmur ibaħħar ma' dak il-ġifen li sab.

U fost ħafna tixjir u biki tal-qraba, il-ġifen ħall il-ħbula, beda jaqla' minn mall-moll, salpa, u ħa r-rotta lejn il-bokka tal-port, ibaħħar bil-qlugħ u r-riħ inpoppa. Baqgħu jaraw il-ġifen jitbiegħed, u Ġesu, flimkien ma' ommu u xi ġirien li ġew magħhom telqu lura lejn Nażżarett imnikktin, imma qalbhom qawwija li għad jerġgħu jaraw lil San Ġużepp lura qawwi u sħiħ. U l-ħajja baqgħet sejra bħal qabel. M'għandniex xi ngħidu, ħassew il-vojt li ħalla warajh San Ġużepp, imma Ġesu baqa' jmexxi x-xogħol fil-ħanut ta' missieru. Kien vjaġġ twil, u safra twila, u għaddew ħafna xhur mingħajr aħbar ta' San Ġużepp. Għadda s-sajf, daħlet ix-xitwa, u waslet ukoll Rebbiegħa oħra u anke qorob is-sajf, meta għodwa fost l-oħrajn Ġesu qal lil ommu: "Ma, nlestu l-ħmara u nitilqu lejn Tiru sabiex nilqgħu lil Ġużeppi, għax wasal biex jiġi lura". U hekk kien, u flimkien ma' xi ħbieb u ġirien, Ġesu u l-Madonna telqu lejn Tiru u waslu fil-port sewwa sew malli l-ġifen li fuqu siefer San Ġużepp beda dieħel fil-port fost it-tixjir u l-għajjat ta' ferħ tal-qraba u l-ħbieb tal-baħħara. Il-ġifen sorġa u rabat mall-moll, niżlu xi nies minn fuqu, niżżlu xi tagħbija, u niżel ukoll San Ġużepp wisq ferrieħi, bil-kaxxa tal-għodda u l-affarijiet l-oħra li kien ġabar miegħu matul il-vjaġġ. Donnu li l-arja ta' dak il-vjaġġ lil San Ġużepp ħaditu, għax deher samrani u f'saħħtu! U telqu lkoll lura lejn Nazzaret għad-dwejra tagħhom. Matul it-triq, bil-mistoqsijiet li bdew jagħmlulu, beda jgħidilhom fuq dawk il-pajjiżi u l-postijiet fejn kien u żar, u ma' min iltaqa' matul dik is-safra tiegħu. Kien żmien twil ta' avventura, u fost il-ħafna mistoqsijiet li għamlulu, kien hemm dik ta' fejn qatta' l-aħħar xitwa. Weġibhom San Ġużepp li kien fil-gżira ta' Malta! "O kemm huma nies twajba u kemm laqgħuni!" Kemm Ġesu u kemm Marija bdew jisimgħu dan kollu, u Ġesu dar lejn San Ġużepp u qallu: "Għad insib lil xi ħadd ħalli lil dawk in-nies twajba nibagħtilhom u nwaslilhom il-Bxara t-Tajba!"

**Angelo Dougall**
**05/12/2011**

---

# TAQBILA QASIRA

Sur Editur:

Sal-bidu tas-sebgħinijiet il-pjazza ta' Raħal Ġdid kienet il-post l-aktar popolari fejn nies minn kull rokna ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien kienu jiltaqgħu kull filgħaxija. Jien kont inħobb nitkellem max-xjuħ, u fost dawk li kienu jinżlu kuljum kien hemm ċertu Ġanni Tirchette li kien joqgħod Ħal Tarxien. Kont inħobb nisimgħu jirrakkontali dwar ix-xogħolijiet differenti li kien jagħmel, fosthom il-fatt li kien jaħdem fil-funderija tal-familja tan-nannu tiegħi, St. Joseph Foundry, fit-Telgħa ta' Raħal Ġdid. Minn għandu sirt naf li l-monument ta' fuq il-qabar tal-vittmi tas-Sebgħa ta' Ġunju, 1919 kien fondut fil-bronz fis-St. Joseph Foundry meta Ġanni kien għadu hemm. Hu qalli wkoll li responsabbli minn dan il-monument kien artist Russu. Kien qed jirreferi għal Boris Edwards.

Fost il-ħafna rakkonti interessanti li li smajt minn għandu, fl-1962 Ġanni qalli waħda li kont ktibtha u għadni nżommha. Din kienet taqbila popolari ta' tfulitu, li kienet tingħad mill-Għawdxin li kienu jiġu Malta. Hekk kif kienu jaslu x-Xatt tal-Belt u jibdew mexjin lejn Victoria Gate, kienu jgħaddu minn ħdejn l-istatwa ta' Nettunu fejn kien hemm is-suq tal-ħut, taħt is-sur ta' Lascaris, faċċata tal-knisja tal-Madonna ta' Liesse. L-Għawdxin kienu jgħidu:

Sliem għalik San Ġwann ta' Malta,
Illi ġibtna f'dina l-art,
Sajf u xitwa sormok barra,
Xejn ma tibża' int mill-bard.
Se naqtagħlek libsa ntiera,
Għaliex minnek ġietni ħniena.

**George Glanville**
**06/10/2011**

# SOUVENIR TAL-IMNARJA - 1972

Sur Editur:

Qed nibgħatlek "manifest" li penġejt jien stess fl-1972, u li kien maħsub biex jitqassam bħala pubbliċita' għal serata ta' għana Malti li saret fil-Kanada f'Gunju 1972. Kienet waħda will-mawriet tagħna lejn Toronto, Ontario, l-Kanada, aħna ta' Detroit (Tan-Namru Station) tal-Klabb tal-Għannejja. Konna moma hemm b'xi sitt karozzi (*lightcars*) barra xarabank mimlija Maltin. L-għannejja ta' Detroit ingħaqdu mal-għannejja ta' Toronto għal serata folkloristika bejniethom li kienet tabilħaqq suċċess. Is-sala kienet iffullata bil-Maltin u l-Għawdxin ta' hemm, kif ukoll xi Kanadiżi li ġew jisimgħu l-*Maltese Westerns*. Jekk niftakar sew kien hemm f'dik is-sala aktar minn sitt mitt ruħ jisimgħu lin-namru jgħanni, u fost l-għannejja kien hemm ukoll Indri Farrugia, Il-Maramew, tal-Mosta, li dik il-lejla kellha tkun waħda minn tal-aħħar tiegħu qabel daħal l-isptar bil-marda qerrieda tal-kanċer. Niftakar kien qamar mimli dik il-lejla. Konna barra qed nistennew sabiex nidħlu, u f'dik is-sikta u d-difa tal-lejla bqajna nisimgħu lil Indri li donnha qalbu ħebritu b'dak li kien ġej fuqu. Infexx f'għanja fil-għola (La Bormliża). Kienet għanja ta' qsim il-qalb, imma hekk kellu jkun – destin kiefer – u bqajna nisimgħu dik l-għanja kiebja.

Kienet lejla li ma tintensiex hekk malajr minn dawk kollha li kien hemm f'dik is-sala.

**Angelo Dougall**
**30/11/2011**